MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Awwissu, 2010

Numru. 852/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anna Marie Micallef]**

**vs**

**Riccardo Broda**

**Illum, 16 ta' Awissu 2010**

**Kumpilazzjoni Numru: 852/2010**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Riccardo Broda, ta' 51 sena, iben Luigi u Liberata nee' D' Ambrosio, imwieled Firenze Italja fis-17 t' April, 1959, residenti Rose

House, Flat 1, Triq il-Progress, Birzebugia u detentur ta' karta ta' identita Taljana numru 1056233.

Akkuzat talli fil-14 ta' Awwissu 2010 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu f' dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a), tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta'Gudikataura Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura ta'l-imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati, il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali tieghu li hija netta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga esebieta bhala Dok AM6 a karigu tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------